III

(Atti preparatorji)

IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

IL-529 SESSJONI PLENARJA TAL-KESE FIT-18 U D-19 TA' OTTUBRU 2017

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar a) Pakkett ta' konformità

Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Pjan ta'Azzjoni dwar ir-rinfurzar ta' SOLVIT: inwasslu l-benefiċċji tas-suq uniku liċ-ċittadini u lin-negozji

[COM(2017) 255 final — SDW(2017) 210 final]

(b) Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' portal diġitali uniku li jipprovdi informazzjoni, proċeduri, u servizzi ta' assistenza u ta' soluzzjoni tal-problemi u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1024/2012

[COM(2017) 256 final — 2017/0086 (COD)]

(c) Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet u l-proċedura li permezz tagħhom il-Kummissjoni tista' titlob lil impriżi u lil assoċjazzjonijiet ta' impriżi jipprovdu l-informazzjoni relatata mas-suq intern u ma' oqsma relatati

[COM(2017) 257 final — 2017/0087 (COD)]

(2018/C 081/12)

Relatur: **Bernardo HERNÁNDEZ BATALLER**

Konsultazzjoni	(a) Il-Kummissjoni Ewropea, 5.7.2017
	(b) Il-Parlament Ewropew, 12.6.2017
	Il-Kunsill, 14.6.2017
	(c) Il-Parlament Ewropew, 31.5.2017
	Il-Kunsill, 10.10.2017
Bażi legali	(a) Artikolu 304 tat-TFUE
	(b) Artikoli 21(2), 48 u 114(1) tat-TFUE
	(c) Artikoli 43(2), 91, 100, 114, 192, 194(2) u 337 tat-TFUE
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni Speċjalizzata għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum
Adottata fis-sezzjoni	4.10.2017

Adottata fis-sessjoni plenarja	18.10.2017
Sessjoni tal-plenarja Nru	529
Riżultat tal-votazzjoni	184/0/5
(favur/kontra/astensjonijiet)	

1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon il-pjani tal-Kummissjoni Ewropea biex toħloq kultura ta' twettiq u applikazzjoni intelliġenti tas-suq uniku, inkwantu dan joffri ħafna possibbiltajiet lill-persuni li jixtiequ jgħixu u jaħdmu fi Stat Membru ieħor u lill-impriżi li jixtiequ jkabbru s-swieq tagħhom.

1.2. Il-KESE jappoġġja l-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni biex iżżid il-kwalità u l-effikaċja tan-netwerks SOLVIT. Bl-istess mod, jirrakkomanda lill-Kummissjoni biex, bil-kooperazzjoni mill-qrib mal-organizzazzjonijiet kollha tas-soċjetà ċivili, iżżid l-għarfien ta' dawn in-netwerks sabiex wieħed ikun jista' jibbenefika aktar mis-servizzi ta' SOLVIT, li għandhom jintużaw aktar mill-intrapriżi fil-kuntest tal-libertajiet ekonomiċi tas-suq uniku, u għaldaqstant huwa importanti li din l-għodda tissaħħaħ.

1.3. Il-KESE jappoġġja l-inizjattiva li tinsab fil-proposta ta' Regolament dwar "portal diġitali uniku" li jippermetti liċ-ċittadini u lill-impriżi li jaċċedu faċilment għal informazzjoni eżawrjenti. Jidhirlu li hija xi ħaġa pożittiva li dak il-portal ikollu aċċess għall-informazzjoni, għall-proċeduri u għas-servizzi ta' assistenza u riżoluzzjoni tal-problemi b'mod effikaċi fuq il-bażi tal-applikazzjoni tal-prinċipji ta' *"darba biss"* u *"perspettiva tal-amministrazzjoni bħala ħaġa sħiħa"*.

1.4. Fir-rigward tal-Proposta għal Regolament li tistabbilixxi l-kundizzjonijiet u l-proċedura ta' talba għall-informazzjoni, jeżistu diverġenzi fid-diversi organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili peress li xi entitajiet huma favur filwaqt li oħrajn, bħal dawk li jirrappreżentaw lill-intrapriżi, jesprimu tħassib serju. Fil-każ li l-Proposta għal Regolament tiġi adottata fiż-żmien previst, il-KESE jitlob li din l-għodda tintuża mill-Kummissjoni, bil-proporzjonalità massima, meta dan ikun meħtieġ, għal każijiet b'dimensjoni transkonfinali b'saħħitha u filwaqt li jiġu rispettati d-drittijiet fundamentali tal-persuni kkonċernati, b'mod speċjali fir-rigward tal-protezzjoni tal-informazzjoni kunfidenzjali. Fir-rigward tal-informazzjoni disponibbli għall-KE sabiex tindirizza l-ostakli għas-suq uniku diġà jeżistu kanali ta' informazzjoni wesgħin li jistgħu jintużaw aħjar u b'mod aktar sistematiku biex jiġu identifikati l-ostakli fis-suq uniku, inkluż in-nuqqas ta' konformità mal-leġislazzjoni tal-UE. Fi kwalunkwe każ, il-KESE jistenna li, b'mod imperattiv, ikun hemm valutazzjoni ta-funzjonament tar-Regolament fi żmien ħames snin.

1.5. Il-KESE jħeġġeġ lill-Istati Membri tal-UE biex jagħmlu aktar progress fil-qasam tal-governanza elettronika, b'mod speċjali fir-rigward tar-rikonoxximent tal-identità elettronika u d-dokumenti ta' identità barranin, peress li l-evalwazzjoni tas-servizzi pprovduti mhijiex l-aktar adegwata.

1.6. Il-KESE jitlob lill-Kummissjoni tinvolvi lis-soċjetà ċivili fil-proċess billi tapprofitta mill-ħidma u r-riżultati tax-xogħol tagħha, bħala mezz biex tevalwa l-qagħda tas-suq intern tal-UE. Fi kwalunkwe każ, l-organizzazzjonijiet li jsawru l-KESE għandhom l-esperjenza, il-mezzi u l-kapaċità li jaħdmu flimkien fir-rigward tas-SOLVIT, bil-għan li jissaħħu l-attivitajiet għas-sensibilizzazzjoni dwaru u biex jissorveljaw il-kwalità tiegħu fil-proposta għal Portal Diġitali Uniku. Dan għandu jsir mingħajr ma jintemm il-kontribut għat-twettiq tal-valutazzjonijiet li jitqiesu xierqa.

2. **Il-proposti tal-Kummissjoni**

2.1. Fid-dikjarazzjoni konġunta dwar il-prijoritajiet leġislattivi tal-UE għall-2017, ippubblikata fit-13 ta' Diċembru 2016, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni Ewropea tennew l-impenn tagħhom biex jippromovu l-applikazzjoni korretta tal-leġislazzjoni fis-seħħ. Fl-istess ġurnata, il-Kummissjoni ppreżentat il-Komunikazzjoni tagħha dwar "Id-Dritt tal-UE: Riżultati aħjar permezz ta' applikazzjoni aħjar", li tistabbilixxi kif il-Kummissjoni ser tintensifika l-isforzi tagħha biex tiggarantixxi applikazzjoni tal-leġislazzjoni tal-UE għall-benefiċċju ta' kulħadd. B'mod partikolari, fl-"Istrateġija tas-Suq Uniku" ġew stabbiliti l-10 prijoritajiet tal-Kummissjoni, bil-għan li tinħoloq kultura ta' konformità mar-regoli tas-suq uniku, b'enfasi speċjali fuq it-tishiħ tas-SOLVIT.

2.2. Attwalment ([1]) teżisti SOLVIT bħala netwerk ta' ċentri stabbiliti mill-Istati Membri (+ ŻEE) fi ħdan l-amministrazzjonijiet nazzjonali tagħhom, sabiex jiġi offrut mezz rapidu u informali li permezz tiegħu jistgħu jissolvew il-problemi li l-individwi u l-intrapriżi jiffaċċjaw meta jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom fis-suq intern.

2.2.1. Każ ta' "SOLVIT" huwa kwalunkwe problema transkonfinali li tinħoloq mill-possibbiltà ta' ksur, minn awtorità pubblika, tad-dritt tal-Unjoni applikabbli fis-suq intern, dejjem u meta dik il-problema ma tkunx soġġetta għal proċedura ġudizzjarja fil-livell nazzjonali jew tal-UE.

2.2.2. SOLVIT tifforma parti mill-amministrazzjoni nazzjonali u l-azzjoni tagħha hija ta' natura sempliċement informali. Ma tistax tintervjeni f'dawn il-każijiet:

— problemi bejn impriżi,

— drittijiet tal-konsumatur,

— kumpens għal danni u telf, jew

— azzjonijiet quddiem il-qrati.

2.3. L-hekk imsejjaħ "Pakkett ta' konformità" tal-Kummissjoni huwa magħmul mid-dokumenti li ġejjin:

2.4. Pjan ta' azzjoni għat-tisħiħ ta' SOLVIT ([2]).

2.4.1. Il-Kummissjoni tintrabat li tieħu miżuri ġodda, flimkien mal-Istati Membri, biex **jissaħħaħ ir-rwol strateġiku ta' SOLVIT** bil-għan li s-Suq Uniku jibda jiffunzjona aħjar fil-prattika għaċ-ċittadini u n-negozji.

2.4.2. Jikkomplementa l-għanijiet tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Socjali u inizjattivi oħrajn relatati, li jirriflettu l-prijorità tal-Kummissjoni li tippromovi l-ġustizzja socjali u l-opportunitajiet indaqs fl-Unjoni.

2.4.3. L-għan tal-Komunikazzjoni hu li tippromovi SOLVIT bi tliet modi:

i. ittejjeb il-kwalità tiegħu;

ii. tintensifika l-attivitajiet biex isir magħruf; u

iii. ssaħħaħ ir-rwol tiegħu fl-osservanza tal-liġi tal-Unjoni.

2.4.4. B'mod ġenerali, permezz ta' attivitajiet aktar strateġiċi għall-promozzjoni ta' SOLVIT u l-iżvilupp ta' kooperazzjoni aktar strutturata mal-organizzazzjonijiet intermedjarji u n-netwerks rilevanti, **għandu jissaħħaħ ir-rwol ta' SOLVIT f'dak li jirrigwarda l-għoti ta' osservazzjonijiet u evidenza utli** dwar il-funzjonament tas-suq uniku fil-prattika: dan ikun jinvolvi "massa kritika" akbar ta' każijiet, li jfisser aktar negozji.

2.4.5. Fil-kuntest tal-Pjan ta' Azzjoni dwar l-amministrazzjoni elettronika, **il-Kummissjoni se tevalwa l-vijabbiltà tal-prinċipju ta' "darba biss".** B'hekk jiġi evitat li ċ-ċittadini u n-negozji li jixtiequ jressqu lment quddiem il-Kummissjoni għall-ewwel darba, wara li ma jkunux kisbu soluzzjoni dwar il-każ tagħhom, ikollhom jibagħtu mill-ġdid l-informazzjoni kollha li diġà tinsab f'idejn SOLVIT.

2.5. Proposta ta' Regolament dwar il-ħolqien ta' portal diġitali uniku ([3]).

2.5.1. Il-Proposta għal Regolament tistabbilixxi regoli għall-ħolqien u l-funzjonament ta' portal diġitali uniku li jippermetti liċ-ċittadini u n-negozji aċċess faċli għal informazzjoni sħiħa u ta' kwalità għolja, għal servizzi effettivi ta' għajnuna u s-soluzzjoni ta' problemi u għal proċeduri effiċjenti fir-rigward tal-leġislazzjoni nazzjonali u tal-Unjoni applikabbli għaċ-ċittadini u n-negozji li jeżerċitaw jew biħsiebhom jeżerċitaw id-drittijiet imnissla mil-liġi tal-Unjoni fl-ambitu tas-suq intern.

2.5.2. Tipproponi wkoll li jiġi ffaċilitat l-użu tal-proċeduri mill-utenti ta' Stati Membri oħrajn, tappoġġja l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' "darba biss" u tistabbilixxi regoli biex ikunu nnotifikati l-ostakli tas-suq intern abbażi tal-ġabra tal-fehmiet tal-utenti, notifiki dwar il-funzjonament tas-suq intern u l-istatistika mis-servizzi inklużi fil-portal.

([1]) Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-17.9.2013 (ĠU L 249, 19.9.2013, p. 10).
([2]) COM(2017) 255 final.
([3]) COM(2017) 256 final.

2.5.3. Fl-Annessi ta' din il-proposta hemm lista' ta' tlettax-il proċedura bażika għaċ-ċittadini u l-impriżi li jittrasferixxu ruħhom fi Stat Membru ieħor u lista ta' servizzi ta' assistenza u riżoluzzjoni tal-problemi stabbiliti permezz ta' atti vinkolanti tal-Unjoni, aċċessibbli permezz tal-"portal".

2.5.4. Oqsma ta' informazzjoni relatati maċ-ċittadini: vjaġġi fi ħdan l-Unjoni; xogħol u rtirar fl-Unjoni; vetturi fl-Unjoni; residenza fi Stat Membru ieħor; edukazzjoni jew traineeship fi Stati Membri oħrajn; kura tas-saħħa; drittijiet; obbligi u regoli dwar kwistjonijiet li jinvolvu l-familji f'sitwazzjonijiet transkonfinali; u konsumaturi f'sitwazzjonijiet transkonfinali.

2.5.5. Oqsma ta' informazzjoni relatati man-negozji: l-istabbiliment, il-ġestjoni u l-għeluq ta' negozju; persunal, taxxi, prodotti, servizzi; l-iffinanzjar ta' negozju; akkwist pubbliku u saħħa u sigurtà fil-post tax-xogħol.

2.6. Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet u l-proċedura li permezz tagħhom il-Kummissjoni tista' titlob lill-impriżi u lill-assoċjazzjonijiet ta' impriżi jipprovdu l-informazzjoni relatata mas-suq intern u ma' oqsma relatati ([4]).

2.6.1. L-għan tal-Proposta għal Regolament hu li tgħin lill-Kummissjoni biex tissorvelja u tara li jiġu infurzati r-regoli tas-suq intern, billi tippermettilha tikseb informazzjoni kwantitattiva u kwalitattiva, fil-fond u affidabbli f'waqtha, li tiġi minn firxa ta' operaturi tas-suq permezz ta' talbiet għal informazzjoni mmirati sewwa.

2.6.2. Il-proposta, li teskludi mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha l-"mikroimpriżi", ma tistabbilixxi ebda piż amministrattiv addizzjonali, inkwantu tikkontempla proċedura eċċezzjonali u komplimentari għall-ksib tal-informazzjoni meħtieġa f'dawk il-każijiet fejn jista' jkun hemm ostakli li jfixklu l-ħidma tas-suq intern. L-għodda ta' informazzjon maħluqa permezz ta' din l-inizjattiva tikkostitwixxi l-aħħar rimedju meta l-mezzi l-oħrajn għall-ksib ta' informazzjoni jkunu fallew.

2.6.3. Il-proposta tistabbilixxi l-proċedura li għandha tiġi segwita sabiex tintalab l-informazzjoni, id-Deċiżjoni li tapprovahom, kif tiġi protetta l-informazzjoni kunfidenzjali u s-segretezza professjonali, kif ukoll il-possibbiltà li jiġu imposti multi f'każijiet ta' nuqqas ta' risposti b'mod deliberat jew ta' negliġenza gravi fil-provvista ta' informazzjoni inkorretta, mhux kompluta jew qarrieqa. Fi kwalunkwe każ, jiġu rregolati l-faċilitajiet ta' kontroll ġudizzjarju quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

2.6.4. Skont il-proposta, id-disponibbiltà ta' informazzjoni konkreta dwar in-nuqqas ta' funzjonament tajjeb tas-suq uniku tippermetti lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet nazzjonali jiggarantixxu osservanza akbar tar-regoli tas-suq uniku u tfassil aħjar tal-politiki tal-Unjoni. Skont il-Kummissjoni, dan isaħħaħ il-fiduċja tal-konsumaturi fis-suq uniku u jikkontribwixxi sabiex jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tiegħu.

3. **Kummenti ġenerali**

3.1. Il-Kumitat jenfasizza l-ħtieġa li jiddaħħlu ċerti elementi fil-"Pakkett ta' konformità" ippreżentat mill-Kummissjoni biex tissaħħaħ il-leġittimità tal-proposta regolatorja tagħha, jiġu ssodisfati l-aspettattivi tal-istituzzjonijiet u l-korpi kollha involuti fl-implimentazzjoni futura tagħha u jiġi żgurat li tiġi implimentata b'mod effiċjenti fl-Istati Membri kollha kkonċernati.

3.2. L-għan prinċipali tal-imsemmi "Pakkett", li huwa t-tisħiħ ta' SOLVIT, intalab kemm mill-Istati Membri permezz ta' talbiet espliċiti lill-Kummissjoni, magħmula mill-Kumitat dwar il-Kompetittività, kif ukoll mill-Parlament Ewropew, li tagħti bażi qawwija ta' leġittimità demokratika lill-proposta leġislattiva inkwistjoni.

3.2.1. Ikun utli li jiġu estiżi u speċifikati r-regoli u l-funzjonijiet tal-korpi u l-istituzzjonijiet responsabbli biex jissorveljaw l-applikazzjoni futura tal-qafas leġislattiv ikkonċernat u, b'mod aktar konkret, tar-Regolament li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet u l-proċedura li permezz tagħhom il-Kummissjoni tista' titlob lill-impriżi u lill-assoċjazzjonijiet ta' impriżi jipprovdu informazzjoni dwar is-suq intern u oqsma oħrajn relatati.

3.2.2. F'dan ir-rigward, il-Kumitat jinnota l-ħtieġa li jinbidel il-fokus tal-proposta tal-Kummissjoni, għaliex, minn naħa waħda, ma tinkludi l-ebda referenza għar-rwol tal-Kumitat fil-fażi tal-applikazzjoni tar-regolament u, min-naħa l-oħra, jidher li l-iskop finali prinċipali tagħha huwa t-tisħiħ tar-rwol proprju tal-Kummissjoni fil-qafas tal-fażi amministrattiva qabel ma jitressaq rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu.

([4]) COM(2017) 257 final.

3.2.2.1. L-ewwel nett, il-proposta msemmija ddgħajjef il-leġittimità tas-sussidjarjetà funzjonali tal-Unjoni billi teskludi lill-Kumitat milli jwettaq kompiti assenjati lilu speċifikament mit-Trattati, u li għalihom huwa ddedika b'suċċess parti sostanzjali tal-ħidma tiegħu.

3.2.2.2. Il-KESE għandu l-esperjenza, il-mezzi u l-kapaċità biex jgħin fis-sensibilizzazzjoni wiesgħa dwar il-funzjonament tas-SOLVIT. Bl-istess mod, il-Kumitat jiġi eskluż minn kull tip ta' kooperazzjoni fil-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-applikazzjoni tar-Regolamenti proposti.

3.2.2.3. Dan l-approċċ tal-proposta dwar il-"portal diġitali uniku" għandu jiġi emendat minħabba li, fil-verżjoni attwali tiegħu, ma jirriflettix id-dimensjoni istituzzjonali tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 11 tat-TUE, jillimita r-rwol tal-Kumitat bħala rappreżentant tal-interessi tas-soċjetà ċivili organizzata u jagħmel ħsara lill-prinċipju nnifsu tad-demokrazija parteċipattiva fid-dimensjoni funzjonali tagħha, u b'hekk inaqqas l-effiċjenza tal-implimentazzjoni futura tar-Regolament.

3.2.2.4. Il-"portal diġitali uniku" għandu jgħin biex tinkiseb aktar malajr amministrazzjoni elettronika effikaċi, interoperabbli u aċċessibbli għal kulħadd. Il-KESE jappoġġja l-applikazzjoni tal-prinċipju *"darba biss"* u jtenni ([5]) l-provenjenza tal-prinċipju ta' *"perspettiva tal-amministrazzjoni bħala ħaġa sħiħa"*, li jikkonsisti f'kollaborazzjoni bejn id-diversi korpi pubbliċi, lil hinn mil-limiti tal-oqsma ta' kompetenza rispettivi tagħhom, sabiex l-applikant jingħata proposta integrata minn korp wieħed.

3.2.3. Fit-tieni lok, il-punt III tal-Pjan ta' Azzjoni dwar it-tisħiħ ta' SOLVIT jinkludi miżuri importanti biex jittejjeb ir-rwol tas-SOLVIT bħala għodda għall-infurzar tal-liġi tal-UE, b'reazzjoni għat-talbiet ripetuti mill-Kunsill Kompettitività u l-Parlament Ewropew.

3.3. Jenħtieġ ukoll li jsiru diversi osservazzjonijiet bil-għan li tinkiseb l-iżjed applikazzjoni effiċjenti possibbli tal-proposta tal-Kummissjoni.

3.3.1. Fl-ewwel lok, fir-rigward tal-intenzjoni li tiġi promossa SOLVIT, iridu jiġu indirizzati żewġ kwisjonijiet li ma jidhrux fil-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni.

3.3.2. Minn naħa waħda, minħabba l-ħrug tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea, li mistenni jseħħ f'nofs l-2019, il-kunċett ta' "suq" imsemmi fil-punt II tal-Pjan imsemmi se jġarrab tnaqqis sostanzjali. Jekk, min-naħa l-oħra, sa dak iż-żmien ma jkunx ġie konkluż il-ftehim li jirregola r-relazzjoni bilaterali bejn ir-Renju Unit u l-Unjoni Ewropea, u l-imsemmi Stat ma jiffurmax parti miż-Żona Ekonomika Ewropea, l-amministrazzjoni tiegħu tinħeles awtomatikament minn kwalunkwe obbligu relatat mal-implimentazzjoni tal-Pjan, u dan ikollu impatt negattiv fuq iċ-ċittadini tiegħu u ċ-ċittadini tal-Istati li fihom jopera n-netwerk taċ-ċentri SOLVIT.

3.3.3. Minn naħa l-oħra, peress li l-liġi tal-Unjoni u, b'mod aktar konkret, il-libertajiet ekonomiċi fundamentali tagħha għandhom kamp ta' applikazzjoni extraterritorjali li jibbenefika kif ukoll jobbliga liċ-ċittadini ta' Stati terzi u l-amministrazzjonijiet tagħhom, għandhom jikkunsidraw il-ħolqien ta' ċentri u l-applikazzjoni ta' SOLVIT fit-territorju tal-Istati li magħhom l-Unjoni Ewropea stabbilixxiet ftehimiet internazzjonali ta' rabta partikolari, bħal dawk previsti fl-ewwel tliet sottopunti tal-Artikolu 218(6)(a) tat-TFUE. Dan iwassal għal benefiċċju ċar għaċ-ċittadini, l-impriżi u ċ-ċittadini tal-imsemmija Stati terzi, u għal implimentazzjoni aħjar tar-regoli dwar is-suq intern.

3.4. Fit-tieni lok, jenħtieġ li jinħolqu inċentivi għall-amministrazzjonijiet pubbliċi ta' dawk l-Istati Membri li, bħala konsegwenza tad-distakk diġitali, jew għal raġunijiet oħrajn, ikunu jeħtieġu aktar riżorsi minn oħrajn biex japplikaw ir-Regolament dwar l-istabbiliment ta' "portal diġitali uniku".

3.4.1. Il-Kummissjoni tista' tikkunsidra li tipproponi l-approvazzjoni ta' azzjoni orjentata biex issaħħaħ il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali. Din l-azzjoni tidher li hi ġġustifikata biex tinċentiva lill-impriżi kkonċernati, fid-dawl tal-informazzjoni pprovduta fil-punt III tal-imsemmi Pjan tal-Kummissjoni, li juru differenzi sproporzjonati fin-numru ta' każijiet għal kull ċentru SOLVIT, differenzi li mhumiex ġustifikati biss minħabba d-differenzi fil-piż demografiku u ekonomiku bejn l-Istati parteċipanti.

3.5. Fl-aħħar nett, jenħtieġ impenn fl-Istati kollha li fihom jopera n-netwerk SOLVIT biex l-għażla ta' persunal adatt u stabbli li jipproċessa l-każijiet ippreżentati fiċ-ċentri tan-netwerk issir fl-iqsar żmien possibbli u permezz ta' kompetizzjonijiet pubbliċi u trasparenti.

([5]) ĠU C 487, 28.12.2016, p. 99.

4. **Kummenti speċifiċi**

4.1. **Dwar SOLVIT**

4.1.1. Il-KESE jappoġġja t-titjib konkret sabiex tittejjeb il-ħidma ta' SOLVIT. Dan jista' jkun għodda utli, peress li joffri pjattaforma għaċ-ċittadini u l-impriżi biex jingħata rimedju għal firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet marbuta mas-suq intern. Il-Kummissjoni għandha tkompli ttejjeb il-viżibbiltà globali ta' SOLVIT.

4.1.2. Applikazzjoni aħjar tal-liġi hija ta' benefiċċju kemm għaċ-ċittadini kif ukoll għall-impriżi. Iċ-ċifri juru li matul is-snin żdied il-proporzjon ta' każijiet ta' ċittadini, speċjalment fil-kuntest tas-sigurtà soċjali, b'paragun mal-każijiet ta' negozji ppreżentati lil SOLVIT. Min-naħa l-oħra, ir-rata ta' riżoluzzjoni tal-każijiet ta' negozji, ta' 80 %, kienet inferjuri għall-medja tan-netwerk (89 %). Il-Kummissjoni għandha tadotta l-mezzi xierqa sabiex l-utenti kollha jkunu jistgħu japprofittaw mill-possibbiltajiet tan-netwerk. Huwa importanti li dan l-istrument jissaħħaħ u l-KESE jittama li jintlaħqu l-aspettativi tal-*"pjan direzzjonali għat-tisħiħ tas-SOLVIT"*, b'mod partikolari dwar l-introduzzjoni ta' proċess ta' rimedju għall-kumpaniji fil-qasam tar-rikonoxximent reċiproku tal-oġġetti u appoġġ legali b'mod iktar dirett u effikaċji għan-netwerk permezz ta' għodda mtejba ta' pariri legali informali u għodod ta' taħriġ interattiv, b'possibbiltà li jiġu ġestiti l-opinjonijiet diverġenti.

4.2. **Dwar il-proposta tar-Regolament dwar il-"portal diġitali uniku"**

4.2.1. Il-Kumitat jappoġġja l-inizjattiva ta' *"portal diġitali uniku"* li tinsab fil-proposta ta' Regolament. Il-portal għandu joffri liċ-ċittadini u lill-impriżi l-informazzjoni u l-assistenza kollha li jeħtieġu sabiex joperaw fis-suq intern kollu. B'disinn tajjeb, din l-għodda tista' tgħin kemm liċ-ċittadini li jgħixu u jaħdmu fi Stat ieħor tal-UE kif ukoll lill-impriżi li jixtiequ jużaw kwalunkwe mil-libertajiet ekonomiċi fi Stat Membru ieħor, speċjalment l-SMEs u l-impriżi ġodda.

4.2.2. Ta' sikwit, iċ-ċittadini u n-negozji ma jkunux konxji għalkollox mid-drittijiet tagħhom u l-opportunitajiet fis-suq intern. Il-*"portal diġitali uniku"* għandu jtejjeb u jikkollega l-istrumenti eżistenti u jgħin lill-impriżi biex jikkumplimentaw il-proċeduri u l-formalitajiet amministrattivi li jintużaw l-aktar fuq l-Internet. Il-portal għandu jwassal biex is-suq intern isir aktar trasparenti, kif ukoll aktar sigur u prevedibbli.

4.2.3. Huwa essenzjali li l-portal diġitali uniku jipprovdi kull informazzjoni u assistenza li n-negozji jeħtieġu biex jagħmlu n-negozju bejn il-fruntieri aktar faċli. Dan jinkludi informazzjoni ta' kwalità għolja u aġġornata dwar is-suq, is-soluzzjoni tal-problemi u l-mekkaniżmi ta' riżoluzzjoni ta' tilwim, kif ukoll proċeduri elettroniċi għal dawk il-kumpaniji li jixtiequ jwettqu attivitajiet transkonfinali.

4.3. **Dwar il-proposta ta' Regolament SMIT**

4.3.1. Teżisti diverġenza fil-pożizzjonijiet adottati mid-diversi organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, partikolarment l-organizzazzjonijiet tan-negozji, li jiffurmaw il-KESE fir-rigward tal-proposta ta' Regolament sabiex jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet u l-proċeduri li jippermettu lill-Kummissjoni titlob lill-impriżi u l-assoċjazzjonijiet ta' impriżi sabiex jipprovdulha informazzjoni dwar is-suq intern.

4.3.2. L-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw il-kumpaniji jistaqsu dwar il-proposta fid-dawl tal-fatt li, fil-parti l-kbira tagħha, hija mmirata lejn in-negozji, iżda huma l-Istati Membri li huma responsabbli għall-ostakli persistenti għas-suq uniku:

(a) Infurzar aħjar tar-regoli miftiehma huwa essenzjali biex is-suq uniku jiffunzjona b'mod aktar effettiv. Dan jibda billi tingħata gwida u assistenza lill-Istati Membri fit-traspożizzjoni u l-applikazzjoni tar-regoli. Il-Kummissjoni għandu jkollha rwol akbar fil-proċess ta' infurzar sabiex tiżgura li l-operaturi ekonomiċi kollha jkunu konformi mar-regoli, mingħajr ma żżomm lura milli tniedi proġetti pilota jew proċedimenti ta' ksur għal nuqqas ta' konformità;

(b) Fir-rigward tal-informazzjoni disponibbli għall-KE sabiex tindirizza l-ostakli għas-suq uniku diġà jeżistu kanali ta' informazzjoni wesgħin, bħal pereżempju n-Netwerk Enterprise Europe, il-pjattaforma tal-ODR, TRIS, is-sistema tal-IMI u l-Pjattaforma REFIT. Dawn il-kanali jistgħu jiġu analizzati aħjar u b'mod aktar sistematiku biex jiġu identifikati l-ostakoli u s-segmentazzjonijiet fis-suq uniku, inkluż in-nuqqas ta' konformità mal-leġislazzjoni tal-UE.

(c) In-negozji jibżgħu u jinkwetaw dwar il-piż amministrattiv akbar tal-obbligu ġdid biex jipprovdu informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali u data sensittiva tal-kumpaniji (il-politika tal-ipprezzar, l-istrateġija tan-negozju) b'riskju ta' multi u penali.

4.3.3. Min-naħa tagħhom, l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-entitajiet tas-soċjetà ċivili jikkunsidraw bħala pożittiva l-proposta ta' Regolament billi jikkunsidraw li huwa importanti:

(a) l-aċċess xieraq għal data affidabbli għaliex, minbarra li żżid it-trasparenza, ittejjeb il-ħidma tas-suq intern biex ikun jista' jipprovdi informazzjoni pertinenti, utli, koerenti u speċjalment sinifikanti għall-adozzjoni ta' miżuri speċifiċi mill-Kummissjoni,

(b) biex tinkiseb b'mod xieraq informazzjoni kwantitattiva u kwalitattiva, eżawrjenti u affidabbli, mingħand għażla ta' operaturi tas-suq permezz ta' talbiet għal informazzjoni ddelimitati sew, u

(c) li l-Kummissjoni tiġi megħjuna tiżgura li d-drittijiet taċ-ċittadini u tan-negozji jiġu rrispettati fis-suq uniku, u tissaħħaħ il-kooperazzjoni mal-Istati Membri.

4.3.4. Bħala konsegwenza, fl-ipoteżi li tiġi approvata l-proposta ta' Regolament skont it-termini kkontemplati, il-KESE jitlob li din l-għodda tintuża mill-Kummissjoni, bil-proporzjonalità massima, għall-każijiet b'dimensjoni transkonfinali b'saħħitha, meta dan jirriżulta li huwa meħtieġ u b'ħarsien tad-drittijiet fundamentali tal-persuni kkonċernati, b'mod speċjali fir-rigward tal-protezzjoni tal-informazzjoni kunfidenzjali.

4.3.4.1. Barra minn hekk, il-proposta li ssir valutazzjoni msemmija fit-test spjegattiv tal-proposta għandha titqiegħed fit-test leġislattiv biex issir regola vinkolanti. Din il-valutazzjoni tar-regolamenti għandha sseħħ fi żmien ħames snin mill-adozzjoni tar-Regolament, sabiex issir analiżi tal-funzjonament ta' dawn l-attivitajiet ta' sorveljanza.

5. **Ir-rwol tal-KESE fil-proċess**

5.1. Il-kisba tas-suq uniku tal-UE u l-applikazzjoni korretta tar-regoli tiegħu jikkostitwixxu wieħed mill-prinċipji prijoritarji tal-KESE.

5.2. Ta' spiss, iċ-ċittadini u l-impriżi ma jkunux għalkollox konxji mid-drittijiet u l-opportunitajiet li joffri s-suq intern. Il-*"portal uniku diġitali"* għandu jtejjeb u jikkollega l-għodod eżistenti u jgħin lill-impriżi biex jikkumplimentaw il-proċeduri u l-formalitajiet amministrattivi użati l-aktar ta' spiss fuq l-Internet. Dan il-portal għandu jiżgura li s-suq intern ikun aktar trasparenti u, min-naħa l-oħra, aktar sigur u prevedibbli.

5.3. Il-KESE jinsab dispost li jikkontribwixxi għan din l-inizjattiva, bħala rappreżentant tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Għal dan il-għan, huwa joffri li jgħin fis-superviżjoni u l-evalwazzjoni tal-applikazzjoni tar-Regolament dwar il-*"portal diġitali uniku"*.

5.4. Il-KESE jitlob lill-Kummissjoni biex tikkoopera mill-qrib miegħu sabiex b'hekk tapprofitta mill-għarfien u l-esperjenza tal-membri tiegħu, li jiġu mit-tmienja u għoxrin Stat Membru.

Brussell, it-18 ta' Ottubru 2017.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Georges DASSIS